MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 576/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) kif surrogata fid-drittijiet
tal-assikurat taghha Darren Bartolo sija bil-polza u sija bil-ligi
u l-istess Darren Bartolo (I.D. 193676 (M) )**

**Vs**

**Theresa Cachia (I.D. 16183 (M) )**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm226.78c) u dan rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f'incident awtomobilistiku tas-26 ta` Lulju, 2002 fi Triq Bulebel, Zejtun bejn vettura bin-numru ta` registrazzjoni FBN 496

misjuqa mill-konvenuta proprjeta` ta` Edgar Cachia u l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni BAG 192 misjuqa minn Darren Bartolo u proprjeta` tieghu stess liema kollizjoni gara b'tort unikament tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi in kwantu ghall-htija, l-konvenuta qeghda tassumi r-responsabbilta` ta` l-imsemmi incident awtomobilistiku. Illi in kwantu ghat-talba ghad-danni sofferti s-somma ta` mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm226.78c) hija eccessiva stante li ma tirrispekkjax id-danni sofferti b'konsegwenza ta` l-imsemmi incident, izda wkoll danni sofferti f'incident iehor li fih kien involut l-attur Darren Bartolo ma` terzi, liema incident sehh fl-2004, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt il-kawza.

Illi kwantu ghall-ispejjez u imghax il-konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-ispejjez u imghax stante illi minn dejjem kienet lesta li taccetta responsabbilta` ta` l-istess incident u b'liema fatt gew infurmati l-atturi permezz ta` Ittra Legali datata 3 t`Awissu, 2004.

Sema` x-xhieda ta` John Lentini, Darren Bartolo, Hubert Said, Theresa Cachia u ta` Raymond Borg.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Simon Schembri ghall-atturi u ta' Dr Josette Grech ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fis-26 ta` Lulju, 2002 sehh incident awtomobilistiku fi Triq Bulebel, iz-Zejtun bejn il-karozza bin-numru ta` registrazzjoni BAG 192 misjuqa minn Darren Bartolo u l-karozza bin-numru ta` registrazzjoni FBN 496 misjuqa mill-konvenuta. Il-kollizjoni sehhet fl-Industrial Estate fuq imsemmi u l-

konvenuta mill-ewwel accettat ir-responsabbilta` u dan anki jidher mir-Risposta taghha.

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawza hija dwar id-danni. Fl-Avviz l-atturi qeghdin jitolbu s-somma ta` mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm226.78c) izda jirrizulta li minn dan il-kont ghandu jitnaqqas item relattiv ghall-istickers fl-ammont ta` tlieta u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm23.75c) u inoltre, l-*excess* huwa mitlub darbtejn u ghalhekk il-proprju ammont li ghandu jigi likwidat huwa ta` mija u sebgha u sittin lira Maltin u tlett centezmi (Lm167.03c) jekk tigi accettata t-tezi ta` l-atturi.

Mill-ammont mitlub hemm ammont ta` hdax-il lira Maltin u tmenin centezmu (Lm11.80c) *loss of use* u tnax-il lira Maltin (Lm12) *survey report.*

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur Bartolo kien involut f'iktar minn kollizjoni wahda. Ghal fini ta` din il-kawza, li huwa relevanti hu li:

1. Fl-2002 kien hemm il-kollizjoni mal-konvenuta. Il-konvenuta accettat ir-responsabbilta`. L-attur kien assigurat *fully comprehensive* mas-socjeta` attrici, ghamel claim u thallas.
2. Fl-2004 kellu kollizjoni ohra. Id-driver l-iehor ha t-tort u l-karozza tieghu giet irrangata bl-ispejjez ghall-assigurazzjoni l-ohra li kienet GasanMamo Insurance Limited.
3. Bejn l-ewwel u t-tieni kollizjoni Bartolo ma rrangax il-karozza tieghu.
4. Il-hsarat subiti fil-kollizjoni tal-2004 kienu iktar estensivi minn dawk tal-2002 izda kienu jikkomprendu fihom l-istess hsarat tal-2002.

Minn dan jidher evidenti li l-hsarat mertu tal-kawza gew rimedjati fl-2004 meta saru t-tiswijiet relattivi u thallsu minn GasanMamo Insurance Limited.

Ghal fini ta` din il-kawza, fil-konfront tal-konvenuta ma taghmel l-ebda differenza jekk il-kawza ssirx mill-attur jew

mill-assigurazzjoni tieghu. Fir-rigward tal-konvenuta, l-interess taghhom huwa l-istess u m'ghandhiex tigi pregudikata semplicement ghaliex il-kawza giet intavolata mill-assigurazzjoni. Vis-à-vis il-konvenuta, l-attur Bartolo kellu dritt li jigi ri-integrat. Din ir-ri-integrazzjoni sehhet fl-2004 u Bartolo ma hareg xejn minn butu.

Jirrizulta wkoll car lil dan it-Tribunal li s-socjeta` attrici verament hallset l-ammont minnha mitlub u li xi hadd ibbenefika minn dan il-hlas indebitament.

Billi kien l-attur Bartolo li bbenefika minn dan il-hlas u dan il-beneficcju huwa wiehed indebitu, dan it-Tribunal qed jirriserva l-pozizzjoni ta` bejniethom bhala wahda impregudikata. L-involviment tal-*panel beater* f'dan kollu mhux eskluz.

Tenut kont tal-premess it-Tribunal ihoss li ghandu jaghmel riserva favur l-assigurazzjoni attrici ghad-dritt ta` rimbors kemm fil-konfront tal-ko-attur Bartolo, kif ukoll fil-konfront ta` Raymond Borg.

Illi inoltre, nonostante li t-Tribunal ser jipprocedi biex jichad it-talba attrici, huwa jhoss li s-socjeta` attrici m'ghandhiex thallas spejjez billi dan kollu li gara, sehh minhabba l-konfuzjoni li nholqot principalment min-naha tal-ko-attur Bartolo u ghalhekk l-ispejjez kollha ghandhom jigu allokati lilu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qed jichad it-talbiet ta` l-atturi b'dan illi l-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-attur Darren Bartolo b'riserva favur is-socjeta` attrici ghad-dritt taghha ghar-rimbors ta` l-ammont mitlub f'din il-kawza minghand il-ko-atturi Bartolo u Raymond Borg si et quatenus.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------